MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-22 ta' Settembru, 2009

Appell Kriminali Numru. 192/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Antoine Cassar**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Antoine Cassar talli fl-1 ta’ Ottubru 2005, ghall-habta tan-12.30 a.m. f’Haz-Zebbug:

(1) b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b’nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti kkaguna l-mewt ta’ hames zghazagh li huma: Christian Camilleri ta’ 17-il sena ID. Card 491787M; Osvaldo Emanuel Vella ta’ 17-il sena ID Card 560087M; Fabian Magro ta’ 16-il sena ID Card 442789M; Marco Abdilla ta’ 17-il sena ID Card 251588M; u David Sacco ta’

13-il sena ID Card 583591M, u dan meta kien qed isuq u/jew kellu fil-kontroll tieghu vettura tal-marka Vauxhall numru tar-registrazzjoni DAC-967;

(2) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, involontarjament ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Anthony Aquilina ta' 17-il sena, ID Card 352588M;

(3) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi involontarjament ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Matthew Magro ta' 17-il sena ID Card 380688M

(4) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkaguna jew ghamel hsara jew hassar jew gharraq xi haga u cioe` hajt/kamra sitwata fl-imsemmija triq ghad-dannu ta' terzi;

(5) fl-istess, data, hin, lok u cirkostanzi, involontarjament ikkagunaw hsara fuq il-vettura numru CAG-545 tal-marka Subaru u dan ghad-dannu ta' Dorianne Farrugia mis-Siggiewi;

(6) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi meta kellu l-kontroll u/jew kien qed isuq il-vettura indikata aktar 'il fuq ghabba u/jew ippermetta li jghabbi numru ta' passiggieri aktar milli hemm indikat fil-log book.

Il-Qorti giet mitluba illi f'kaz ta' htija tiskwalifika lill-imsemmi Antoine Cassar milli jkollu jew jottjeni kull licenzja tas-sewqan ghal zmien li l-Qorti jidhrilha xieraq;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-7 ta' Mejju 2007 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Antoine Cassar hati ta' l-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tieghu u, wara li rat l-artikoli tal-ligi kif moghtija mill-Avukat Generali fir-rinviju tieghu, u cioe` l-artikoli 225, 328, 30, 20 u 533 tal-Kodici Kriminali, l-Kap. 65 (art. 18) tal-Ligijiet ta' Malta u l-Avviz Legali 128/1994, ikkundannatu ghal piena karcerarja ta' tliet snin, ordnat is-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan tieghu ghal perijodu ta' hames snin mid-data

tas-sentenza appellata, kif ukoll ordnat li jhallas l-ispejjez inkorsi mal-hatra ta' periti u esperti fl-ammont ta' Lm1,342.75 fi zmien sitt xhur mid-data tas-sentenza appellata;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Antoine Cassaripprezentat fis-16 ta' Mejju 2007 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata, billi tikkonfermaha fejn sabitu hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontrieh u fejn, inoltre, ikkundannatu jhallas l-ispejjez inkorsi mal-hatra ta' periti u esperti ai termini ta' l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta fi zmien sitt xhur mid-data tal-pronunzjament tal-imsemmija sentenza, u tirrevokaha f'dik il-parti fejn gie kkundannat ghal piena ta' tliet snin prigunerija u fejn l-imsemmija Qorti ordnat is-sospenzjoni tal-licenzja tas-sewqan tieghu ghal perijodu ta' hames (5) snin mid-data tal-pronunzjament tal-imsemmija sentenza, u minflok taghti piena aktar xierqa, gusta u proporzjonata ghall-kaz konkret fil-konfront tieghu;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali pprezentat fit-22 ta' Mejju 2007 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata, billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-imsemmi Antoine Cassar hati ta' l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u tirrevokaha f'dik il-parti fejn ikkundannatu ghal piena ta' prigunerija ta' tliet snin u ordnat is-sospensjoni tal-licenzja tieghu ghal perijodu ta' hames snin u tinfliggi piena li izjed tkun tirrifletti l-gravita` tal-kaz;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet ipprezentati mill-partijiet;

Ikkunsidrat:

Iz-zewg appelli li qeghdin jigu ttrattati b'din is-sentenza jirrigwardaw il-piena nflitta mill-ewwel Qorti. L-appellant Antoine Cassar (minn hawn 'il quddiem imsejjah "il-hati") jilmenta li l-piena kienet wahda eccessiva. L-appellant

Avukat Generali (minn hawn ‘il quddiem imsejjah “l-Avukat Generali”) jilmenta li l-piena kienet baxxa wisq. Minhabba n-natura tal-kwistjoni mqajma mill-Avukat Generali, huwa opportun illi jigi ttrattat fl-ewwel lok l-appell tieghu.

L-Avukat Generali jghid illi l-piena erogata mill-ewwel Qorti ma kinitx idoneja ghac-cirkostanzi tal-kaz bhala konsegwenza ta’ enuncjazzjoni zbaljata ta’ ipotesi tal-ligi. Jghid illi l-ewwel Qorti sostniet li l-piena massima applikabbli kienet dik ta’ prigunerija ghal erba’ snin u tliet xhur, u li nonostante li kien hemm iktar minn vittma wahda, ir-reat ta’ omicidju involontarju jibqa’ wiehed. Skond l-Avukat Generali dan hu zbaljat. Li jinghad li omicidju involontarju wiehed u hames omicidji involontarji jgorru l-istess piena huwa kontro-sens legali. L-Avukat Generali jsostni illi kull omicidju involontarju ghandu jgorr piena ghalih u ghalhekk f’dan il-kaz, fejn kien hemm hames omicidji involontarji, il-piena massima kellha tkun dik ta’ erba’ snin flimkien ma’ u nofs iz-zmien tal-pieni l-ohra mehudin flimkien (u cioe` l-pieni ta’ erba’ omicidji involontarji u l-pieni tar-reati l-ohra addebitati lill-hati) skond il-paragrafu (b) ta’ l-artikolu 17 tal-Kodici Kriminali. L-Avukat Generali jkompli jghid illi mid-dicitura tas-sentenza appellata jidher car illi l-ewwel Qorti kkalibrat il-piena b’mod relattiv ma’ dak li dehrilha li kienu l-parametri tal-piena komplessiva. Tenut kont li, skond l-Avukat Generali, il-komputazzjoni maghmula kienet wahda erroneja, il-konsegwenti relattivita` bejn il-gravita` oggettiva tal-kaz u l-parametri tal-piena giet storpjata b’mod li l-piena erogata ma tirriflettix tali gravita` in kwantu l-fatt li hames persuni u mhux wahda tilfu hajjithom jidher ma nghatax il-konsiderazzjoni li kellu jinghata.

Fin-nota ta’ sottomissjonijet tieghu tal-25 ta’ Frar 2009 l-Avukat Generali jelucida dak li sostna fl-appell tieghu b’diversi argumenti. Jghid illi l-akkuza kif migjuba hija cara u tirreferi individwalment ghal kull vittma u l-prezentazzjoni taghha hija maghmula sabiex tiffacilita l-akkuzat sabiex jifhem ghal xiex qieghed imressaq imma bl-ebda mod ma tnaqqas mill-valur jew legalita` ta’ l-akkuza lejn kull vittma. Jirreferi ghas-sentenza **Ir-Repubblika ta’ Malta v.**

**Michael Bonnici u Joseph Azzopardi**[1] fejn gie ritenut li att uniku jista' jaghti lok ghall-ksur ta' aktar minn disposizzjoni wahda tal-ligi u li l-Avukat Generali m'ghandu ebda obbligu fil-ligi li jorbtu li jaghti akkuzi alternattivi minflok f'kapi separati jekk huwa jhoss illi l-ezistenza taz-zewg reati mhijiex kontradittorja. Jirreferi ghas-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta v. Joseph Schembri**[2] fejn intqal li meta b'att uniku persuna toqtol aktar minn persuna wahda jew toqtol wahda u tferi ohrajn, hija tirrispondi mhux ghal delitt wiehed izda ghal daqstant delitti daqs kemm kien hemm nies feruti u/jew mejta. Trattandosi ta' diversi vittmi jew vittmi desinjati wiehed ma jistax jitkellem fuq risoluzzjoni wahda u galadarba dan hu eskluz, hadd ma jistenna li l-prosekuzzjoni kellha taghti l-beneficcju tar-reat kontinwat lill-akkuzat. Jirreferi wkoll ghas-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta v. Leli sive Emanuel Buttigieg**[3] fejn inghad illi min, ghax irid, jesplika l-azzjoni delittwuza tieghu fuq persuni diversi hu animat minn tant kawzi (specjali) u jipproponi ruhu taht finijiet kemm hemm persuni, u fejn hemm kawzi u finijiet distinti ta' determinazzjoni kriminuza hemm rizoluzzjonijiet kriminuzi distinti u mhux rizoluzzjoni kriminuza wahda. L-istess gie ritenut f'**Ir-Repubblika ta' Malta v. Charles Steven Muscat**[4]. L-Avukat Generali mbaghad jghaddi biex jghid illi dawn il-principji legali u logici jiffurmaw il-bazi ta' sentenzi bbazati fuq il-*common law* u jirreferi ghal sentenzi moghtija minn Qrati Awstraljani.

Skond l-Avukat Generali, l-ezercizzju li kellha taghmel l-ewwel Qorti kien triplu: (1) tiddetermina jekk "irrizultax li kien hemm hames vittmi f'dan l-istess incident jew ammont ta' vittmi differenti"; (2) tiddetermina "jekk kull vittma mietx b'konsegwenza ta' nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti ta' Antoine Cassar permezz tal-vettura tieghu tal-marka Vauxhall bin-numru tar-registrazzjoni DAC-967 jew jekk kull vittma mietx b'konsegwenzi differenti minn persuna differenti"; (3) la

[1] Appell Kriminali (Superjuri), 11 ta' Jannar 2004.
[2] Appell Kriminali (Superjuri), 3 ta' April 1990.
[3] Appell Kriminali (Superjuri), 23 ta' Marzu 1979.
[4] Appell Kriminali (Superjuri), 13 ta' Mejju 1998.

darba l-ewwel Qorti, “wara l-ezercizzju individwali ta’ kull vittma, kienet konvinta li kien hemm htija fil-konfront ta’ kull vittma mela allura t-tielet ezercizzju li kellha taghmel l-Onorabbli Qorti kien li taghti piena fil-konfront ta’ kull vittma bl-applikazzjoni ta’ l-artikolu 17(b) tal-Kodici Kriminali.”

Il-hati wiegeb ghan-nota ta’ l-Avukat Generali. Fin-nota ta’ sottomissjonijiet tieghu jibda biex jghid illi s-sentenza **Ir-Repubblika ta’ Malta v. Michael Bonnici u Joseph Azzopardi** kienet tikkoncerna akkuza ta’ omicidju volontarju u serq aggravat bil-vjolenza. Jghid li l-kazijiet iccitati mill-Avukat Generali mhumiex applikabbli peress li jirreferu ghal reati li jirrikjedu *mens rea*, ossija intenzjoni specifika *di nuocere alla salute* (omicidju volontarju) *o contro la proprieta`* (serq). L-imputazzjoni dedotta kontra l-hati hi ta’ indoli involontarja, u ghaldaqstant il-kwotazzjonijiet u senjalazzjonijiet maghmula mill-Avukat Generali ma jitfghux dawl fuq il-kwistjoni prezenti. F’dan il-kaz, isostni l-hati, it-trattazzjoni trid tigi rivolta lejn jekk l-Artikolu 225 tal-Kodici Kriminali ghandux jigi interpretat *vis-a-vis* il-kondotta ta’ l-agent jew jekk l-istess ghandux jigi interpretat b’mod singolari ghal kull effett nociv li jimmaterjalizza minn tali kondotta wahdanija. Marbut ma’ dan, imbaghad, wiehed ghandu jara jekk il-piena stabbilita fl-imsemmi dispost tapplikax fil-kaz ta’ diversi mwiet bhal ma hi applikata meta tmut persuna wahda, jew jekk tali piena hemm rakkjuza tikkontemplax biss il-mewt ta’ persuna wahda. Is-siltiet l-ohra citati mill-Avukat Generali wkoll jirreferu ghal intenzjoni specifika u ghal reati li jirrikjedu volontarjeta` ta’ azzjoni u ta’ rizultat, ossija kemm fil-mezz u kemm fil-finalita` ta’ l-effetti – haga li fil-procediment *de qua* ma jezistix stante li qed dejjem nitkellmu fuq omicidju **nvolontarju**.

Il-hati mbaghad jirreferi ghal dak li jghidu xi awturi Taljani, fosthom **Vincenzo Mazini** illi jghid: *“Mentre l’omicidio doloso e` un fatto intenzionale contro la vita umana e l’omicidio preterintenzionale consiste in un delitto doloso di percosse o di lesioni dal quale e` derivata la morte del soggetto passivo non voluta dall’agente, nell’omicidio colposo manca non solo l’intenzione di produrre l’effetto*

*(morte), ma altresì quella di percuotere o ledere la persona*."[5] Addizzjonalment, u hekk kif gja accennat, l-intenzjoni nociva hi inezistenti fl-omicidju nvolontarju (jew kolpuz) stante illi, "*L'elemento soggettivo del delitto di omicidio colposo consiste nella volontarieta` della condotta negligente, imprudente, insescusabilmente imperita, o inosservante di leggi, regolamenti, ordini o discipline, che ha cagionato involontariamente la morte di alcuno*."[6] Il-**Francesco Carrara** jispjega illi, "*Nei fatti colposi il corpo puo` essere attivo, perche` faccia quegli atti da cui nasce l'effetto dannoso, ma l'animo e` sempre inattivo, perche` non spinge il suo calcolo alla previsione di tali effetti*."[7] Awtur kontemporaneju, **Ferrando Mantovani**, jispjega, dwar l-involontarjeta` fid-delitt kolpuz, li, "*Questo primo requisito segna il confine della colpa col dolo. Poiche` il dolo e` rappresentazione e volonta` del fatto materiale tipico, per aversi colpa occorre, innanzitutto, che l'agente non abbia voluto, ne` intenzionalmente ne` per accettazione, tale fatto. Cio` che differenzia il dolo dalla colpa e` che nel dolo occorre la volonta` e nella colpa la non-volonta` del fatto materiale tipico. Sotto il presente profilo la colpa e` l'esatto simmetrico negativo del dolo. Piu` precisamente, poiche` il dolo e` coscienza e volonta` di tutti gli elementi positivi e negativi del fatto, quando manchi la coscienza o la volonta` anche di uno soltanto degli elementi positivi o vi sia l'erronea convinzione della esistenza di una scriminante, non e` piu` concepibile il dolo, ma eventualmente la colpa. Per la configurabilita` della colpa e`, pertanto e per cominciare, sufficiente la mancanza della coscienza o della volonta` di almeno uno degli elementi positivi oppure l'erroneo convincimento della esistenza di un elemento negativo*."[8];

Il-hati jghid ukoll illi l-Avukat Generali zbalja meta bbaza t-tezi u interpretazzjoni tieghu fuq siltiet kaptati mix-xenarju

---

[5] Vincenzo Manzini, "*Trattato di Diritto Penale Italiano*" (UTET, 1961) Vol. VIII, §2925, p. 158.
[6] Vincenzo Manzini, *op. cit.*, Vol. VIII, §2928, p. 164.
[7] Francesco Carrara, "Programma del Corso di Diritto Criminale" Parte Generale Vol. I, §82, p. 90.
[8] Ferrando Mantovani, "*Diritto Penale*" Parte Generale [CEDAM, 5[ta] ed., 2007] §106, p. 325.

esteru Ingliz jew sistema ohra li thaddan sistema penali Anglo-Sassona, u dan ghaliex il-fonti tal-ligi kriminali sostantiva patria ssib ir-radici taghha f'kodicijiet, fi principji, f'gurisprudenza, f'duttrina u f'interpretazzjonijiet ta' l-istess mehuda mill-kontinent, senjatament mis-sistema Taljana. Is-sistema penali Ingliza ma thaddanx kodici ritwali penali hekk kif ghandna ahna u ghalhekk s-setgha u poter diskrezzjonali tal-Qrati taghhom hi wahda ferm estiza w alkwantu assoluta meta kkumparata ma' taghna. A differenza, ahna ghandna Kodici Kriminali li ghandu radici precizi u nizbaljaw b'mod grossolan jekk noqoghdu nipprovaw nissupplimentaw ghall-intenzjoni tal-legislatur (f'certu branki tal-ligi penali sostantiva) billi nsibu kenn f'decizjonijiet u/jew f'dottrina Ingliza jew bazata fuq il-*Common Law*.

Il-hati mbaghad ikompli jaghmel is-segwenti osservazzjonijiet li ser jigu citati *in extenso*:

"1. Illi *in primo luogo*, sabiex jigi evitat dilungar, l-imputat jaghmel pjena referenza ghall-paragrafi numru 31 sa numru 37 fir-rikors ta' appell tieghu fejn hemm digà trattati certu punti mertu tat-tematika *de qua*;

"2. Illi jigi, izda, sottolinejat dak li hemm miktub f'paragrafu numru 35 fir-rikors ta' appell tieghu, u cioè li, "… *l-imputat appellanti gie akkuzat* [9] *bir-reat ta' omicidju nvolontarju (ossia tal-vjolazzjoni ta' disposizzjoni wahdanija tal-Kodici Kriminali) fil-konfront ta' hames persuni kumulattivament u mhux akkuzat tal-istess delitt ghal kull wiehed mill-hames vittmi b'mod separat, distint u ndipendenti. Il-kondotta tal-appellanti vjolat dispost wiehed tal-ligi penali u konsegwentement il-piena ghandha tkun hekk kif ravvizata f'dak id-dispost u mhux estiza barra tali konfini fin-nuqqas ta' aggravant espress mill-Kodici Kriminali. Interpretazzjoni ohra diversa (jew inversa) tkun tfisser li l-piena allaccjata mad-delitt in kwistjoni tkun tiddependi mhux fuq l-ittra tal-ligi espressa u*

[9] Fis-sens ta' "*charged*" u mhux "*accused*" – *vide* f'dan is-sens is-sentenza nteressantissima fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Peter Farrugia*** deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-13 ta' Ottubru, 1962 *per* Onor. Imhallef W. Harding [Vol.XLVI[D]–IV–893] fejn hemm dibattuta d-distinzjoni li trid tinzamm bejn "*imputat*" u "*akkuzat*".

*mar-reita` li gja hi kontemplata fil-ligi izda marbuta u dipendenti esklussivament min-numru ta' persuni li jigu oltraggjati (f'dan il-kaz nvolontarjament maqtula)*.";

"3. Illi l-imputazzjoni (hekk kif dedotta) titkellem car, ossija li l-imputat ghandu jirrispondi ghal konsegwenzi ta' eghmilu minhabba kondotta negligenti, imprudenti, traskurata u minhabba non-osservanza tad-debiti regolamenti. Ghalhekk, ir-ricerka ghar-responsabbilita` issib il-*fons* taghha f'kondotta wahda, stante li l-Qorti ma kinitx kjamata (*vide* l-ewwel imputazzjoni) tfittex hames kondotti negligenti, hames kondotti mprudenti, hames kondotti traskurati u hames non-osservanzi ta' regolamenti fil-persuna ta' l-imputat fil-konfront ta' kull vittima (hekk kif *del resto* sar fil-konfront ta' Anthony Aquilina u Matthew Magro[10]). L-ezercizju ghas-sejbien ta' htija gie dizimpenjat u dirett b'mod unitarju versu kondotta wahda nklussiva ta' dawn id-diversi forom appena msemmija. L-Ewwel Qorti ma qaghditx tara jekk l-imputat kienx negligenti, imprudenti, *eccetera* vis-a-vis vittma "A", imbaghad vis-a-vis vittma "B", *eccetera*, izda kkunsidrat kondotta wahda ai finijiet ta' htija. *Ergo*, ghandu jikkonsegwi li ai finijiet ta' piena, ma ghandux ikun hemm segregazzjoni, ossija inflizzjoni, ta' diversi pieni relattivi ghall-vittmi ndividwali stante li l-istess piena tiddixxendi minn u hi ghab-bazi ta' sejbien ta' htija ta' kondotta wahda (hekk kif *del resto* titkellem esplicitament l-imputazzjoni);

"4. Illi allaccjat ma' dan, il-mistoqsija li tinsorgi hija din: jekk, ghal grazzja ta' l-argument u bhala ezempju, Gaio jkun qed isuq vejikolu u jitlef il-kontroll ta' l-istess minhabba sewqan negligenti u traskurat u jibqa' diehel fil-vetturi parkeggjati ta' Tizio, Caio, Sempronio u Tito, allura ghandna ninterpretaw tali fattispecji taht il-kappa ta' erba' ncidenti awtomobilistici differenti, distinti u separati? Interpretazzjoni logika u ragunata ta' tali xenarju hi li kien hemm komportament wiehed sfrontat, imprudenti w illecitu da parti ta' xufier li per konsegwenza kellu effett leziv fuq il-proprjeta' ta' erba' ndividwi. Fi kliem iehor, hemm vjolazzjoni wahda li l-korollarju dannuz taghha huwa

[10] *Vide* tieni u tielet imputazzjonijiet.

molteplici fl-effetti tieghu. Ghaldaqstant, hu l-komportament li jigi punit (*attraverso* l-imputazzjoni jew l-akkuza) u l-effett tieghu jigi rifless fil-piena erogata (dejjem skond il-parametri espressament iffissati f'dak id-dispost penali li jigi promoss kontra l-imputat jew akkuzat);

"5. Illi in sostenn ta' dan l-argument, l-imputat kien silet bran mill-gurista **Remo Pannain** ["*Manuale di Diritto Penale*" Parte Generale (4[a] ed.)] li tinsab rakkjuza f'paragrafu numru 37 tar-rikors ta' appell tieghu u li hawn jinsab jerga' jaghmel referenza ghalih. Tramite dik ic-citazzjoni l-imputat kien sahaq illi l-istess bran kien ikompli jippreciza l-punt li fil-kaz tan-negligenza (principalment regolata b'l-Artikolu 225 tal-Kodici Kriminali) l-indagni hi cirkoskritta ghall-kondotta personali tas-soggett attiv u mhux fil-konsegwenzi partikolari li jemanaw minn tali kondotta. Is-soggett attiv hu punit ghas-semplici fatt li naqas milli jkun diligenti u prudenti fl-azzjonijiet tieghu u li tali nuqqas jikkaguna llecitu fil-forma ta' reat penalment rikonoxxjut, u mhux punit a bazi tal-fattispecji ndividwali li huma konsegwenza ta' tali kondotta negligenti, traskurata, mprudenti u/jew imperita;

"6. Illi argument iehor illi kien ippromwova l-imputat kien dak maghmul permezz tal-paragrafu numru 36 fir-rikors ta' appell fejn kienet saret referenza ghall-*Att Dwar l-Interpretazzjoni* [Kapitolu 249 tal-Ligijiet ta' Malta] sabiex tinghata spjegazzjoni tal-frazi "… *jikkaguna l-mewt ta' xi hadd*" misjuba fl-Artikolu 225 tal-Kodici Kriminali, ossija li ghalkemm miktuba fis-singular ("*ta' xi hadd*"), b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 4(c) ta' l-indikat Att, dik il-frazi ghandha tigi nterpretata anke fil-plural;

"7. Illi ta' min jaghmel referenza ghall-paragrafi numru 38 sa numru 41 tar-rikors ta' appell ta' l-imputat. In succint, f'dawn is-serje ta' paragrafi l-imputat ippromwova l-argument illi ai finijiet tal-materja in dizamina, wiehed ghandu jhares lejn il-ligi Taljana u mhux lejn dik Ingliza. Fuq dan il-punt l-imputat gja espona l-argumenti tieghu fil-paragrafi introduttivi tal-prezenti nota, izda jixtieq jkompli jelucida dwar il-posizzjoni Taljana u kif din tittratta r-reat ta' omicidju involontarju;

"8. Silta li tkompli telucida t-tezi ta' l-imputat fuq dan il-punt pekuljari hi dik tal-gurista **Vincenzo Manzini**, li tispecifika li, "*E` tuttavia da avvertirsi che, se i soggetti passivi sono piu`, rimanendo unico il fatto colposo,* ***si applica la disposizione del capoverso dell'art. 589****, col limite di pena in essa indicato*."[11] Inoltre, il-Qorti ta' Kassazzjoni Penali Taljana kienet sostniet illi, "***In virtù dell'art 589****, terzo comma cod. pen, i delitti di omicidio colposo e di lesioni colpose commessi con un'unica azione sono unificati esclusivamente "quoad poenam", e, quindi, restano i singoli illeciti tra loro autonomi e distinti. Ne consegue che, ricorrendo le condizioni applicative di un decreto di clemenza, il delitto di lesioni deve essere amnistiato*. [Cass. Sez IV, vd 12 dicembre 1986 (dep. 26 maggio 1987) Migliorini]."[12]

"9. Senjalati dawn il-brani mid-duttrina u mill-gurisprudenza Taljana, l-imputat jissottolineja li l-linja mehuda mill-guristi jew trattisti ohra u anke mill-gurisprudenza Taljana fuq dan il-punt hi bazata fuq **formulazzjoni skritta u espressa** kontenuta fil-kodici penali taghhom. Hu ghalhekk li l-brani sovra citati jitkellmu fuq aktar minn delitt kolpuz wiehed meta jkun hemm kondotta wahda negligenti (ai sensi ta' l-Artikolu 43 kodici penali Taljan) u aktar minn soggett passiv wiehed (ai sensi ta' l-Artikolu 589 ta' l-istess kodici). Il-legislatur Taljan hemm qieghed **jispecifika espressament** il-volonta` u l-vera intenzjoni tieghu billi **jistabbilixxi b'mod esplicitu** x'jigri meta jkun hemm effetti lezivi molteplici li jemanaw minn (jew li huma konsegwenza ta') kondotta nvolontarja precedenti w unika;

"10. Illi taht il-ligi patria, l-legislatur akkontenta ruhu bl-Artikolu 225 kif redatt u li minn zmien il-promulgazzjoni tieghu ma gie qatt emendat fis-sustanza tieghu *eccetto* ghal diversi emendi (l-ahhar wahda tramite l-Att III tas-sena 2002) li merament inkrimentaw il-piena karcerarja

[11] Vincenzo Manzini, *op. cit.*, Vol. VIII, §2925, p. 159. [enfazi mizjuda]
[12] Silta mehuda minn "*Annuario Sistematico della Giurisprudenza della Cassazione Penale*" ta' M. Lo Paino, Vol: I (1988) [CEDAM] p. 438. [enfazi mizjuda]

u/jew dik pekunjarja sabiex tirrifletti l-ezigenza ekonomika ta' l-epoka partikolari. Hekk kif ukoll narrat fir-rikors ta' l-appell ta' l-imputat, il-legislatur Malti ispira ruhu minn dak Taljan meta fassal l-Artikolu 225 tal-kodici ritwali taghna. Id-dispost li minnu ha spirazzjoni l-legislatur domestiku kien l-Artikolu 371 tal-kodici penali Taljan li kien jinnarra testwalment hekk: "*Chiunque, per imprudenza, negligenza ovvero per imperizia nella propria arte o professione, o per inosservanza di regolamenti, ordini o discipline, cagiona la morte di alcuno, e punito con la detenzione da tre mesi a cinque anni e con la multa da lire cento a tremila*." Li ma kienx gie senjalat fir-rikors ta' l-appell kien li tali dispost kien ikompli jelucida b'mod espress illi "*Se dal fatto deriva la morte di piu` persone o anche la morte di una sola e la lesione di una o piu`, la quale abbia prodotto gli effetti indicati nel primo capoverso dell'art. 372, la pena e` della detenzione da uno a otto anni e della multa non inferiore a lire duemila*."[13] Maz-zminijiet, il-kodici penali Taljan gie nterament revizjonat u llum–il gurnata d-disposti pertinenti huma l-Artikolu 43 (li jitkellem fuq in-nozzjon pura u semplici tal-*culpa*) u l-Artikolu 589 (li jitkellem esklussivament, b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 43, fuq l-omicidju u lezjonijiet kolpuzi, plurimi *o meno*);

"11. Illi tali senjalazzjonijiet (ta' l-istorja u l-origini tad-dispost nostran) ghandhom skop preciz. Meta l-legislatur Malti dar fuq il-ligi Taljana, silet minnha l-ewwel kapovers ta' l-Artikolu passat 371, izda mhux it-tieni wiehed li jelucida, jispjega u jiddeskrivi f'termini espressi x-xenarju fejn ikun hemm involontarjament ikkagunata (tramite negligenza, imprudenza, *eccetera*) l-mewt ta' aktar minn persuna wahda. Ghaldaqstant, fin-nuqqas ta' riproduzzjoni ta' tali dispost trasportat mill-Italja ghall-ligi Maltija, id-delitt ta' omicidju nvolontarju hekk kif rakkjuz fl-Artikolu 225 ghandu jigi nterpretat – fin-nuqqas ta' norma ohra espressa kjarifikatrici – bhala li jikkomprendi l-mewt ta' persuna wahda jew aktar. *Ergo*, l-piena hemm stabbilita hi applikabbli sija meta jkun hemm soggett

[13] Siltiet kaptati minn "*Commento al Codice Penale Italiano*" ta' Luigi Majno (UTET, 1924), Vol. III, p. 284.

passiv wiehed u sija meta jkun hemm izjed minn soggett passiv wiehed;

"12. Illi, u dan minghajr pregudizzju ghall-posizzjoni difensjonali ta' l-imputat fuq dan il-punt specifiku li qed jigi tratata, hi nsostenibbli l-pretiza tal-*parte civile* illi l-imputat messu gie kkundannat ghall-perjodu karcerarju ta' tnax-il (12) sena. Dan ghas-segwenti motiv;

"13. Illi l-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati tista' tigi suddiviza f'kompetenza originali, ossija li tiehu konjizzjoni ta' kawzi li jgorru piena karcerarja non-eccedenti s-sitt xhur [Artikolu 370(1)(2) tal-Kodici Kriminali] u f'kompetenza estiza, u cioe` li tiehu konjizzjoni ta' kawzi li jgorru piena karcerarja eccedenti s-sitt xhur izda mhux l-ghaxar snin [Artikolu 370(3)(4) tal-Kodici Kriminali]. Naturalment, kull delitt soggett ghal piena ta' prigunerija ghal aktar minn ghaxar snin ghandu ta' bilfors jigi a konjizzjoni tal-Qorti Kriminali ghall-eventwali determinazzjoni. Issa, f'dan l-isfond wiehed jaghmel referenza ghall-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fil-15 ta' Gunju, 2006 (*vide* fol. 244 ta' l-atti). Tramite dawn l-artikoli naraw kif skond l-Avukat Generali l-imputat kellu jigi ggudikat mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ai termini ta' l-Artikolu 370(3)(a) tal-Kodici Kriminali li jistipula li, "… *l-Avukat Generali jista' jibghat, sabiex tkun iggudikata mill-qorti fuq imsemmija,* ***persuna akkuzata ta' delitt li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija ghal zmien izjed minn sitt xhur izda mhux izjed minn ghaxar snin****, jekk ma jkunx hemm oggezzjoni minn dik il-persuna*." Dan kollu juri li l-Avukat Generali qed jitlef di mira l-kompetenza tal-qorti u l-artikoli minnu stess citati ai finijiet li jirrakkjudi l-prezenti xenarju fil-kompetenza estiza tal-qorti ta' l-ewwel grad meta qed jitlob terminu karcerarju li joltrepassa l-ghaxar snin prigunerija;

"14. Illi fl-ahhar, wiehed jaghmel referenza ghal dak li jghid **Vincenzo Mazini** fejn jghallem illi, "*Talora accade che, malgrado l'impiego di tutti i mezzi di interpretazione, la volonta` contenuta nella formula legislativa rimanga incerta, mentre il giudice e` egualmente obbligato a*

*decidere in modo certo … In tal caso, relativamente al diritto penale, si suole insegnare che il criterio risolutivo e` dato dal principio:* in dubio pro reo*, così che* ***dovrebbesi accogliere quell'interpretazione che appare piu` favorevole all'imputato*** […] *Allorche` l'interpretazione riesce dubbia il criterio da seguirsi e` quello per cui* ***si deve assegnare alle parole della legge il senso che e` più conforme allo spirito del nostro ordinamento giuridico generale, il che puo` bensì risultare a favour dell'imputato ma non necessariamente****. E` principio generale del ditto ordinamento che* ***la liberta` e` la regola, mentre le restrizioni rappresentano l'eccezione****, e pero`, quando il dubbio cada sulla* ***esistenza*** *o sulla* ***portata*** *di una incriminazione, l'imputato ne avra` vantaggio non in considerazione della sua persona, bensì per effetto della doverosa scelta dell'interpretazione più favorevole alla liberta` di tutti.*"[14] Fuq l-istess binarji, **Francesco Carrara** jikteb li, "… *che ogni perplessita` deve sempre risolversi a favore dello accusato*."[15]

"15. Illi ma' din is-senjalazzjoni wiehed jaghmel referenza ghal decizjoni tal-**Qorti ta' Kassazzjoni Penali Taljana**, riferibilment ghal kif il-gudikant ghandu jhares lejn, jinterpreta u japplika disposizzjoni ta' indoli penali. F'tali decizjoni kien gie affermat illi, "*Pur dovendo ritenersi pacifico che i precedenti giurisprudenziali non vincolano il giudice, costituendo, al piu`, autorevole, ma non imprescindibile, guida nell'attivita` di interpretazione, va segnalato un isolato ed assolutamente non condivisibile precedente giurisprudenziale, a parere del quale '****il principio di stretta legalita` vigente in diritto penale impone al giudice di attenersi alla precisa dizione della norma incriminatrice, senza indulgere ad interpretazioni analogiche*** *e, ove la norma del tutto chiara non sia, di attenersi all'interpretazione giurisprudenziale imperante, che la abbia esplicata, ad evitare diverse interpretazioni che espongono il cittadino a responsabilita` di maggior contenuto rispetto a quelle cui il*

[14] Vincenzo Manzini, *op. cit.*, Vol. I, §142, p. 313-314. [enfazi mizjuda]
[15] Francesco Carrara, *op. cit.*, Vol. I, §80, p. 88.

*cittadino medesimo, in base al principio di cui all'art. 1 c.p.,*[16] *era espressamente chiamato dalla norma incriminatrice e dalla giurisprudenza al riguardo' (Cass. sez. III, n. 435/94).*"[17];

"16. Illi fl-isfond ta' dawn iz-zewg precedenti paragrafi, li ma huma xejn hlief riaffermazzjoni tan-normi fondamentali fid-dritt penali ta' "*ubi lex voluit, lex dixit*", ta' "*nullum crimen, nulla poena sine praevia lege poenali*" u ta' "*in dubio pro reo*", din l-Onorabbli Qorti ghandha tqis, skond il-ligi vigenti, li ghalkemm kien hemm hames vittmi, ir-reat baqa' dejjem wiehed u ghaldaqstant – dejjem minghajr pregudizzju ghat-talba maghmula da parti ta' l-imputat fir-rikors ta' appell tieghu – punibbli *entro* l-paramentri tal-piena espressament stipulata fl-Artikolu 225 tal-Kodici Kriminali."

L-ewwelnett din il-Qorti tirreferi ghas-sentenza citata mill-Avukat Generali **Ir-Repubbblika ta' Malta v. Michael Bonnici u Joseph Azzopardi**[18] fejn jinghad illi:

**"... taht il-ligi taghna, huwa rikonoxxut illi att uniku, cioe` *actus reus* wiehed jista' jaghti lok ghal ksur ta' aktar minn disposizzjoni wahda tal-ligi. Infatti, huwa principju notorju fid-dritt penali taghna, kif ukoll f'sistemi esteri ohra, illi l-istess att doluz jista' jikser diversi disposizzjonijiet tal-ligi u jikkostitwixxi aktar minn delitt wiehed."**

Ghalkemm dik is-sentenza u din is-silta jitkellmu dwar "att doluz", naturalment anke att kolpuz wiehed jista' jikser diversi disposizzjonijiet tal-ligi. Hekk, fil-kaz in ezami, l-appellant, bl-att uniku tieghu ta' sewqan perikoluz, instab hati tar-reati skond l-artikoli addebitati lilu mill-Avukat Generali, u cioe` l-artikoli 225 u 328 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet

---

[16] L-ewwel dispost tal-kodici penali Taljan jirrakkjudi l-principju saput fil-kamp kriminali ta' *Nullum crimen, nulla poena sine praevia lege poenali*. Tali dispost jinnarra hekk: "*Nessuno può essere punito per un fatto che non sia espressamente preveduto come reato dalla legge, né con pene che non siano da essa stabilite*."

[17] Silta kaptata minn "*Corso di Diritto Penale*" ta' Sergio Beltrani (CEDAM, 2[nda] ed., 2007) p. 30. [enfazi mizjuda]

[18] Appell Kriminali, 11 ta' Jannar 1994.

ta' Malta u l-Avviz Legali 128/1994 (specifikatament, ghalkemm ma ssemmiex liema regolament fin-nota ta' rinviju ta' l-Avukat Generali, ir-regolament 69(1) ta' dak l-Avviz Legali). Dak li qieghed jippretendi l-Avukat Generali pero` hu li, nonostante l-imputazzjoni wahdanija ghal ksur ta' l-artikolu 225 tal-Kap. 9, peress illi graw hamest imwiet, din ghandha tigi kkunsidrata bhallikieku hames imputazzjonijiet separati u distinti. L-Avukat Generali qieghed jibbaza din il-pretensjoni fuq l-iskorta ta' gurisprudenza minnu ccitata, u b'mod partikolari **Ir-Repubblika ta' Malta v. Joseph Schembri**[19], **Ir-Repubblika ta' Malta v. Leli sive Emanuel Buttigieg**[20] u **Ir-Repubblika ta' Malta v. Charles Steven Muscat**[21]. Dawn is-sentenzi pero` kollha jirrigwardaw reati doluzi fejn min jesplika l-azzjoni tieghu delittwuza fuq persuni diversi huwa animat minn tant kawzi specjali u tant finijiet kemm huma l-persuni, u fejn hemm kawzi u finijiet distinti hemm rizoluzzjonijiet kriminuzi distinti u mhux rizoluzzjoni kriminuza wahda, anke jekk l-azzjoni delittwuza tigi esplikata fuq diversi persuni. Fl-istess kuntest ta' zmien hemm kontemporaneita` ta' rizoluzzjonijiet kriminuzi diversi, izda mhux rizoluzzjoni kriminuza wahda.[22] Fir-reati involontarji wiehed ma jistax jitkellem fuq "rizoluzzjoni kriminuza"[23], u ghaldaqstant l-Avukat Generali mhuwiex korrett meta jghid illi dak li ntqal f'dawk is-sentenzi japplika wkoll ghal reati ta' natura involontarja. Fil-fatt fil-kaz ta' l-omicidju involontarju, il-Manzini jghid[24]: **"...nell'omicidio colposo manca non solo l'intenzione di produrre l'effetto (morte), ma altresi` quella di percuotere o ledere la persona."** Barra minn hekk l-istess Manzini jghid[25]: **"Il delitto di omicidio colposo e` costituito da una condotta individuale, volontariamente contraria alla polizia o alla disciplina, che ha cagionato la**

---

19 Appell Kriminali, 3 ta' April 1990.
20 Appell Kriminali, 23 ta' Marzu 1979.
21 Appell Kriminali, 13 ta' Mejju 1998.
22 **Ir-Repubblika ta' Malta v. Charles Steven Muscat**, Appell Kriminali, 13 ta' Mejju 1998.
23 Ara **Manuale di Diritto Penale, Parte Generale** ta' Francesco Antolisei, 1969, p. 412, meta qieghed jittratta r-reat kontinwat u n-non-applikabilita` tar-reat kontinwat fejn si tratta ta' "delitti colposi".
24 Vincenzo Manzini, **Trattato di Diritto Penale Italiano, Vol. 8**, p.150 – Torino, 1951.
25 *Ibid.* p. 151.

**morte, non voluta dal colpevole, di una o piu` persone."**

L-artikolu rilevanti fil-ligi taghna li jirrigwarda l-omicidju involontarju huwa l-artikolu 225 tal-Kodici Kriminali li jipprovdi:

**"Kull min, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, jikkaguna l-mewt ta' xi hadd, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn erba' snin jew multa ta' mhux izjed minn hdax-il elf sitt mija u sitta u erbghin euro u sebgha u tmenin centezmu (11,646.87)."**

Dan huwa mehud mill-artikolu 371 tal-Kodici Zanardelli. Dak l-artikolu kien jiddisponi hekk:

**"Chiunque, per imprudenza, negligenza, ovvero per imperizia nella propria arte o professione, o per inosservanza di regolamenti, ordini o discipline, cagiona la morte di alcuno, e` punito con la detenzione da tre mesi a cinque anni e con la multa da lire cento a tremila.**

**"Se dal fatto derivi la morte di piu` persone o anche la morte di una sola e la lesione di una o piu`, la quale abbia prodotto gli effetti indicati nel primo capoverso dell'art. 372, la pena e` della detenzione da uno a otto anni e della multa non inferiore a lire duemila."**

Fil-**Commento al Codice Penale Italiano, Vol. 3**, Majno jikkummenta hekk[26]: **"L'art. 371, pur trattandosi di reati involontari, commisura adunque la pena alla maggiore o minore entita` delle conseguenze materiali"**, haga li l-legislatur taghna m'ghamilx. Jigifieri meta l-legislatur kien qieghed jirredigi l-Kodici Kriminali taghna, huwa ghazel illi jdahhal fil-Kodici taghna l-ewwel parti biss ta' l-artikolu 371 imsemmi u ma ttrasportax ukoll

---

[26] 1922, p. 285 para. 1621.

it-tieni paragrafu ta' dak l-artikolu li jipprevedi sitwazzjoni ta' aktar minn mewt wiehed bl-istess fatt kolpuz u allura b'konsegwenti piena akbar. Naturalment fejn ikollok fatti distinti ta' traskuragni, allura kull fatt irid jigi addebitat separatament lill-persuna imputata. Izda fejn si tratta ta' att ossia fatt kolpuz uniku li jipproduci diversi mwiet, allura l-imputazzjoni hi necessarjament wahda, salv imputazzjonijiet ulterjuri – bhal fil-kaz odjern – minhabba ksur ta' disposizzjonijiet ohra tal-ligi bl-istess fatt kolpuz. L-emendi li saru fil-ligi taghna tul il-medda taz-zmien kienu biss emendi fil-piena bl-iskop illi l-legislatur juri illi r-reat ta' omicidju involontarju ma kienx reat traskurabbli u li l-konsegwenzi tieghu kellhom jigu puniti adegwatament. Il-piena applikabbli fil-ligi taghna ghada 'l boghod minn dik applikabbli fil-ligi Taljana u anke dik Ingliza.

Hekk fl-Italja llum l-artikolu rilevanti huwa l-artikolu 589 li, wara l-ahhar emendi li saru fl-2008 jaqra hekk:

**"Chiunque cagiona per colpa la morte di una persona è punito con la reclusione da sei mesi a cinque anni.**

**Se il fatto è commesso con violazione delle norme sulla disciplina della circolazione stradale o di quelle per la prevenzione degli infortuni sul lavoro la pena è della reclusione da due a sette anni.**
**Si applica la pena della reclusione da tre a dieci anni se il fatto e' commesso con violazione delle norme sulla disciplina della circolazione stradale da:**
**1) soggetto in stato di ebbrezza alcolica ai sensi dell'articolo 186, comma 2, lettera c), del decreto legislativo 30 aprile 1992, n. 285, e successive modificazioni;**
**2) soggetto sotto l'effetto di sostanze stupefacenti o psicotrope.**

**Nel caso di morte di più persone, ovvero di morte di una o più persone e di lesioni di una o più persone, si applica la pena che dovrebbe infliggersi per la più grave delle violazioni commesse aumentata fino al triplo, ma la pena non può superare gli anni quindici."**

L-Avukat Generali jaghmel referenza ghal gurisprudenza Awstraljana li, ghalkemm tista' taghmel sens, mhix applikabbli fil-gurisdizzjoni lokali. Mill-banda l-ohra, huwa interessanti li wiehed jirreferi ghar-Road Traffic Act 1988 ta' l-Ingilterra li fl-ewwel artikolu tieghu jittratta l-kaz ta' mewt b'vettura tal-mutur misjuqa "perikolozament". Il-kuncett ta' sewqan perikoluz huwa differenti mill-kuncett taghna ta' *colpa* li tassumi diversi forom, ossia nuqqas ta' hsieb, traskuragni, nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni, nuqqas ta' tharis ta' regolamenti. Izda huwa interessanti li ssir referenza ghal-ligi Ingliza peress illi hemm ukoll ir-reat imsemmi jitqies bhala reat uniku fejn il-mewt plurimu huwa meqjus biss bhala fattur aggravanti. L-artikolu 1 ta' dak l-Att jipprovdi: *"A person who causes the death of another person by driving a mechanically propelled vehicle dangerously on a road or other public place is guilty of an offence."* Il-piena hi dik ta' massimu ta' erbatax-il sena (mizjuda minn ghaxar snin bil-Criminal Justice Act 2003). Matul is-snin il-Qrati Inglizi taw linji gwida dwar dawk li setghu jitqiesu fatturi aggravanti u fatturi mitiganti. Fost il-fatturi aggravanti hemm fejn *"more than one person killed as a result of the offence (especially if the offender knowingly put more than one person at risk or the occurrence of multiple deaths was foreseeable)".* Imbaghad f'**Blackstone's Criminal Practice, 2004** naqraw[27]: *"Multiple deaths is also an aggravating feature (France [2003] 1 Cr App R (S) 108), although it remains necessary to regard the defendant's overall culpability in relation to the driving, rather than the consequences, as the dominant component of the sentencing exercise."* F' R. v. Gray (2005) 149 S.J. 576, CA, li ghaliha ssir referenza f'**Archbold Criminal Pleading, Evidence & Practice, 2006**[28], jintqal hekk:

**"The court said that general considerations were, first, that whilst the test of dangerous driving was objective, the requiremenmts that the driving should be far below the standard of the competent and careful driver, and that it would have been obvious to**

[27] P. 880, para. C3.13.
[28] P. 2709, para. 32-8, 32-9.

**the same careful and competent driver that driving in that way would be dangerous, meant that it would usually be obvious to the offender that the driving was dangerous and he therefore deserved to be punished accordingly; secondly, the fact that Parliament had chosen to provide for a much heavier maximum sentence where death resulted as compared with where death did not result showed that Parliament regarded the consequences as a relevant sentencing consideration; thirdly, whilst courts should take account of the anguish of the victim's family it had to be remembered that no sentence will reconcile a family to their loss nor cure their anguish; fourthly, it was important for courts to drive home the message as to the consequences that could result from dangerous driving; drivers must know that if as a result of their dangerous driving a person was killed, no matter what the mitigating circumstances, normally only a custodial sentence would be passed; that was because of the need to deter other drivers and because of the gravity of the offence.**

**"In assessing the seriousness of an offence, the court said that culpability must be the dominant factor."**

In konkluzjoni, in kwantu jirrigwarda l-parametri tal-piena, il-Qrati ma jistghux jissostitwixxu r-rieda taghhom ghal dik legislattiva. Ghalhekk, ghar-ragunijiet moghtija, u fid-dawl anke tad-diversi sottomissjonijiet maghmula mill-hati, l-appell ta' l-Avukat Generali ma jistax jigi akkolt.

Din il-Qorti sejra issa tikkunsidra l-appell tal-hati fejn huwa jsostni li l-piena nflitta fuqu hija eccessiva. Qed issir referenza ghar-rikors ta' appell tieghu fejn gew elenkati *funditus* l-argumenti kollha tal-hati in sostenn ta' din il-kontenzjoni tieghu. In succint, il-hati jirreferi ghall-kondotta nadifa tieghu, l-eta` tieghu u l-fatt li l-imwiet kienu r-rizultat ta' reat ta' indoli involontarju. Jghid illi t-tendenza tal-Qrati taghna hi li tigi inflitta piena pekunjarja anke f'kazijiet ta' cirkostanzi aktar gravi u serji minn dawk tal-kaz odjern. Jaghti xi ezempji u jghid illi dan qieghed jaghmlu sabiex

jenfasizza il-punt illi ghalkemm, minn banda, is-soggett attiv tar-reat ta' omicidju involontarju ghandu jigi rimproverat ghall-event sinistru b'imposizzjoni ta' piena li tikkorrispondi ma' l-effetti tal-kondotta tieghu, mill-banda l-ohra, fl-imposizzjoni ta' tali piena l-gudikant ghandu dejjem jiehu in konsiderazzjoni l-fattispecji kollha tal-kaz li jinsab quddiemu sabiex il-piena tkun verament tirrispekkja dik il-mizura li gustament ghandu jissokkombi ghaliha l-imputat. Filwaqt li jirreferi ghall-principju regolatur li in materja ta' piena mhuwiex normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun inghatat, jghid li l-principju hu wiehed generiku u joffri eccezzjonijiet f'certi kazijiet, li jekk jezistu certu fatturi emergenti mill-fatti partikolari tal-kaz allura l-Qorti tat-tieni grad tkun propensa li tvarja l-piena erogata mill-ewwel Qorti, u li l-Qorti fil-grad ta' appell tista' tibdel ix-xorta u l-kwalita` tal-piena moghtija.

Il-hati jirreferi wkoll ghal dak li ntqal fis-sentenza **Ir-Repubbblika ta' Malta v. Rene` sive Nazzareno Micallef** [29] dwar l-iskopijiet tal-piena u jsostni illi fid-dawl ta' dak li nghad f'dik is-sentenza l-piena nflitta fuqu kienet wahda ngusta u ferm harxa. Jghid li hu mhuwiex minacca ghas-socjeta`, li ma hemm bzonn ta' ebda riforma fil-karattru tieghu u li ma kien hemm ebda tip ta' kondotta vjolenti da parti tieghu li tinnecessita li jitnehha mic-cirkolazzjoni. Piena ta' prigunerija effettiva hi mizura estrema li l-Qrati jinfliggu sabiex jippunixxu lill-hati u jisalvagwardaw l-interessi tal-komunita`.

Il-hati josserva wkoll illi l-ewwel Qorti ma tatx il-piz opportun lin-negligenza kontributorja tal-vittmi li di volonta` propria hadu r-riskju, u b'hekk assumew porzjon ta' responsabbilta`, meta ddecidew jitilghu f'vettura li kienu konsapevoli li ma tospitax aktar minn zewg passiggieri. Hu ma kkostringa lil hadd minnhom sabiex jitilghu mieghu bilfors jew inkella poggihom *under duress* ta' xi tip jew qarraq bihom biex jirkbu fil-van sabiex jirritornaw id-dar. Huwa minnu, ikompli jghid, li messu kien aktar kawt,

---

[29] Appell Kriminali, 28 ta Novembru 2006.

diligenti u prudenti gjaladarba kien jaf li l-vettura tieghu ma tistax tospita numru ta' passiggieri oltre t-tnejn, izda l-istess vittmi ppartecipaw fil-kondotta mprudenti meta ttraskuraw dan id-dettal li sfortunatament swielhom hajjithom.

Kwantu ghas-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan, il-hati jghid li perijodu ta' hames snin hu ahrax wisq. Jerga' jtenni (i) li ghandu kondotta nadifa u netta; (ii) li huwa ta' karattru tajjeb; (iii) li ghandu eta` relattivament zghira; (iv) li fir-rigward ta' sewqan hu qatt ma xellef difru mal-gustizzja u ghaldaqstant ghandu jigi ritenut bhala *first time offender*.

Finalment il-hati jirreferi ghal dak li qal hu kif ukoll ix-xhud Anthony Aquilina li kien riekeb hdejh fuq quddiem dwar dawl gej minn faccata tieghu. Jghid illi t-tezi tad-difiza f'dan ir-rigward kienet li tissottolineja li att estraneju ghall-kondotta tal-agent/imputat kkawza nkonvenjent fis-sewqan tieghu u li jammonta ghal att li jirreka emergenza subitaneja. Bl-ebda mod ma jrid jinterrompi n-ness ta' kawzalita` bejn il-kondotta tieghu u l-effetti sinistri taghha billi jwahhal f'dak id-dawl li hu ra u li tellfu fis-sewqan tieghu. Hu semplicement qed jirrileva li dan id-dawl ikkagunawlu ostakolu iehor konkorrenti ghall-kondotta tieghu fil-kontroll tal-vettura li hu kien qed isuq. Dan, isostni l-hati, kellu jigi kkunsidrat ukoll bhala fatt mitiganti (galadarba accettat mill-Qorti) ai finijiet ta' piena.

F'kull kaz il-piena li tinghata hi cirkoskritta mill-parametri stabbiliti mil-ligi u l-Qorti timponi l-piena li, fid-diskrezzjoni taghha u entro dawk il-parametri, jidhrilha opportun fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, mehud in konsiderazzjoni dawk il-fatturi li jistghu jitqiesu bhala fatturi aggravanti kif ukoll dawk mitiganti. Il-kaz in kwistjoni, bil-konsegwenzi dizastruzi tieghu, gara minhabba n-nuqqas ta' prudenza tal-hati fis-sewqan tieghu – u dan gie abilment trattat mill-ewwel Qorti fis-sentenza taghha. Il-hati jippretendi li din il-Qorti ghandha tqis li kien hemm element ta' kontributorjeta` da parti tal-vittmi li ghazlu li jirkbu mieghu meta kienu jafu li fil-van ma setax jirkbu aktar minn tnejn min-nies. Din il-Qorti ma tara l-ebda kontributorjeta` da parti taghhom ghas-sinistru. Il-piz taghhom seta' forsi

kkontribwixxa sabiex il-vettura tinqaleb aktar facilment. Izda ma kienx dak li kkawza l-incident. L-incident gara ghax il-hati kien qieghed jaqbez karozza mill-*inner lane*, f'kurva u bi speed eccessiv u b'hekk tilef il-kontroll tal-vettura tieghu. Tant l-ispeed tieghu kien elevat li sahansitra wiehed mill-passiggieri tieghu qallu biex isuq daqsxejn bil-mod. Kwantu ghad-dawl li l-hati u Anthony Aquilina jghidu li raw gej mid-direzzjoni opposta taghhom fuq l-istess karreggata, huwa interessanti li Anthony Aquilina jghid li d-dawl kien ta Subaru jew Maruti. Il-karozza li kien hemm fuq il-karreggata taghhom u li maghha laqtu kienet Subaru. Jigifieri, u wara li din il-Qorti rat ir-relazzjoni ta' l-espert tekniku Joseph Zammit, probabbilment huwa minnu li raw dawl ta' Subaru izda dan kien wara l-ewwel impatt mal-hajt peress illi l-vettura li kien qieghed isuq il-hati daret thares fid-direzzjoni mnejn kien gej. Kwindi assolutament m'hemm l-ebda raguni ghaliex din il-Qorti ghandha tqis li d-dawl li ra ghandu jservi ta' attenwant.

Din il-Qorti taqbel mal-hati illi m'hemm xejn x'juri illi hu xi minaccja ghas-socjeta`, l-anqas li hemm bzonn ta' xi tip ta' riforma fil-karattru tieghu jew li hu xi persuna ta' kondotta vjolenti. Il-kondotta tieghu fil-fatt hi wahda netta. Mill-banda l-ohra, fl-istess sentenza ccitata mill-hati, cioe` **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rene` sive Nazzareno Micallef**, intqal ukoll li wiehed mill-iskopijiet tal-piena hu li fil-kaz ta' reati gravi "is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali." Fil-fatt il-messagg li jrid jintbaghat f'kazijiet bhal dak in ezami hu li l-hajja mhijiex irhisa u li t-tehid ta' hajja anke involontarjament ghandu jitqies bhala xi haga serja u gravi. Sta ghal-legislatur imbaghad biex jiddeciedi ghandux ikompli jenfasizza dan bl-emendi opportuni fil-ligi taghna.

Dwar il-perijodu ta' sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan, din il-Qorti ma tara l-ebda raguni ghalfejn ghandha tqassar tali perijodu.

Ghaldaqstant l-anqas l-appell tal-hati ma jimmerita akkoljiment.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad kemm l-appell ta’ l-Avukat Generali kif ukoll l-appell ta’ Antoine Cassar u tikkonferma s-sentenza appellata b’dan illi kemm il-perijodu ta’ sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan kif ukoll il-perijodu ghall-hlas ta’ l-ispejjez ta’ l-esperti jibdew jiddekorru millum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------